# MONS. LICINIO REFICE

## (12.2.1885 - 11.9.1954)

## J.F. Porsella Flores

Ir-raba' u l-aħħar kompożitur li kien ġie mistieden jidderieġi l-Banda Ċittadina 'LA VALETTE' fiż-żmien li din kienet direttta minn Maestro Cardenio Botti, kien Mons. Licinio Refice.

Twieled fit-12 ta' Frar 1885 fil-Comune ta' Patrica, provinċja ta' Frosinone, fir-reġjun tal-Lazjo, l-Italja. Studja t-Teoloġija fil-Pontificio Collegio Leoniano ta' Anagni, Comune ieħor ta' Frosinone. Wara li ġie ordnat saċerdot temm l-istudji tal-mużika taħt surmastrijiet magħrufa: E. Boezi, S. Falchi, u R. Renzi. Fl-1910 inħatar surmast fil-Pontificia Scuola di Musica f'Ruma, u sena wara laħaq direttur tal-Cappella Liberiana ta' Santa Maria Maggiore.

Ikkompona l-iktar mużika sagra (quddies, mutetti, u oratorji). Imma kkompona wkoll l-opra lirika CECILIA li ġiet esegwita l-ewwel darba fit-Teatro dell'Opera ta' Ruma fl-istaġun teatrali 1933 - 34.

Għas-suċċess li kisbet, id-Direttur Artistiku ta' l-Impresa Farrugia tat-Teatru Rjal ta' Malta, Mro. Cardenio Botti, ħa ħsieb li din l-opra tkun inkluża fir-repertorju ta' l-istaġun liriku 1934-35. Infatti ġiet esegwita hawn Malta għall-ewwel darba f'serata gala is-Sibt, 2 ta' Frar 1935.

CECILIA hi rappreżentazzjoni sagra. Tittratta dwar it-taqbida bejn l-imħabba spiritwali ta' Cecilia u l-imħabba tad-dinja ta' Valeriano li kien xtaqha għalih. Il-għan ta' l-opra ta' Refice hu biex teduka l-folol fis-sentimenti nobbli ta' kristjanità permezz ta' dak il-mezz straordinarju li hu t-teatru mużikali.

Ma setax jonqos li kien hemm *full house* għal din l-ewwel serata, kif anki għall-ewwel matinèe tal-5 ta' Frar. Anzi minħabba s-suġġett purament sagru ta' l-opra CECILIA, il-kleru (qassisin u patrijiet) kellu l-permess li jista' jattendi għall-matinèe.

Hawn nagħmlu daqsxejn ta' parentesi. Peress li fl-10 ta' Frar taħbat il-festa ta' San Pawl Nawfragu, Patrun ta' Malta, il-Kapitlu tal-Kolleġġjata kien stieden lil Mons. Refice biex jiddirieġi hu stess il-mużika tiegħu wkoll għall-quddiesa pontifikali. Intagħżlet il-Missa Sancti Eduardi Regis. Ġara iżda li proprju f'lejliet il-festa, Mons. Refice bagħat dan it-telegramm lill-Kapitolu

*Roma 9.2.1935*

*Mons. Manduca,*

*Capitolo Valletta, Malta*

*vivamente rammaricato non poter partecipare attivamente loro festa. Ringrazio cortese invito augurandomi mia composizione, bella veste strumentale Maestro Nani, possa conferire notevole decoro solenne celebrazione.*

*Ossequi, Refice.*

Maestro Nani ma ddiżapuntax. Il-mużika ta' Mons. Refice kienet tikkonsisti

fil-partijiet komuni tal-quddiesa: Kyrie, Gloria, Credo, Sanctus, u Agnus Dei, L-introjtu, Gradwal, u Offertorju, li huma proprju tal-quddiesa tal-jum, kienu ta' Nani, li għal din l-okkażjoni esegwixxa Gradwal u Offertorju fuq stil ta' Palestrina. Il-Gradwal "Qui operatus est" tkanta mill-Baritonu G. Satariano u Kor; l-Offertorju "Videte qualem Charitatem" tkanta solo mit-Tenur Arturo Galea.

Dakinhar stess il-Kapitolu, permezz ta' l-Arċipriet Mons. Manduca, wieġeb lil Mons. Refice b'telegramm:

10.2.1935

*Mons. Maestro Refice, Roma*
*Capitolo Valletta manda congratulazioni per famosa composizione Missa Sancti Eduardi. Ottima esecuzione Nani. Ossequi. Manduca.*

Nazzarda ngħid li kieku Mons. Refice kien hawn għall-festa ta' San Pawl, kien jitgħaxxaq jisma 'l-Antifona "Sancte Paule" ta' Mro. Antonio Nano, u l-Innu a San Paolo" ta' Mro. Botti. U li kieku, bħala saċerdot, kien ikun mistieden biex dakinhar iqaddes ukoll fil-knisja kolleġġjata, kien ikun jista' jara b'għajnejh b'liema entużjażmu u ħeġġa l-Pawlini, u xejn inqas il-Filarmonika La Valette, jiċċelebraw il-ġurnata ta' l-10 ta' Frar.

Imma Mons. Refice wasal Malta ġimgħa wara, il-Ħadd filgħodu 17 ta' Frar biex jidderieġi żewġ kunċerti mużikali: wieħed l-għada it-Tnejn fis-6.00 p.m. u ieħor il-ġimgħa 22 tax-xahar fil-5.00 p.m. Il-prezz tal-platea fit-Teatru kien ta' żewġ xelini u sitt soldi (2s. 6d., munita li konna ngħidulha "tmintax irbigħi", illum 12ċ. 5m)

Il-programmi kienu jikkonsistu f'dawn il-kompożizzjonijiet:

*Refice - Cecilia - Annuncio*
*Refice - Il Martirio di S. Agnese - Oratorio (Brani)*
*Trittico Francescano*
*La Samaritana*

Din l-aħħar kompożizzjoni kienet għadha kemm ġiet esegwita fit-Teatru Augusteo ta' Ruma, diretta minn Mro. Molinari.

Dak inhar (18 ta' Frar) kien tħabbar li l-Ħadd, 24 ta' Frar, fit-8.30 p.m. il-Filarmonika 'La Valette' kellha tesegwixxi kunċert fit-Teatru Rjal ad unur ta' Mons. Refice, meta hu stess kellu jidderieġi kompożizzjoni ġdida tiegħu stess. Il-pjanta tat-teatru kienet tinsab iċ-Ċirkolu.

Imma inqala' intopp. Minħabba xi ċirkostanzi tal-mument, dan il-kunċert kellu jitħassar; iżda biex il-pubbliku ma jiġix diżappuntat ġie rranġat matinèe speċjali għal nhar l-Erbgħa fis-6.00 p.m. li għalih l-istess Mons. Refice kien il-mistieden ewlieni.

Il-Ġimgħa 22 tax-xahar fis-sede taċ-Ċirkolo sar riċeviment kbir ad unur ta' dan il-kompożitur illustri. Minbarra s-Soċi, kienu mistednin ukoll dawk il-ħbieb li kienu diġà ħallsu għall-Kunċert tal-Ħadd li, kif għidna, kellu jitħassar.

Għal din l-okkażjoni il-Filarmonika 'La Valette', diretta minn Mons. Refice

esegwiet programm qasir: il-Prologo ta' l-Oratorju "Il Martirio di Sant' Agnese". Ħadu sehem ukoll il-Baritonu Malti Giuseppe Satariano u l-Kor tat-Teatru Rjal dirett minn Mro. Oscar Leone.

Fil-ktieb tal-Viżitaturi taċ-Ċirkolo, Mons. Refice qabel ma telaq ħalla miktub hekk: *"Ne potrò dimenticare mai la grande commozione provata nel dirigere il loro magnifico complesso strumentale così ben disciplinato, così preparato alle esecuzioni di opera d'arte del piu alto valore".*

Mons. Refice dak inhar stess filgħaxija telaq fuq il-vapur Garibaldi lejn Ruma fejn kien mistenni biex nhar it-Tnejn 25 ta' Frar jidderieġi kunċert tax-xogħlijiet tiegħu.

Iżda il-Ħadd, 24 ta' Frar, meta kellu jagħlaq l-istaġun ta' l-opri reġgħet ġiet esegwita f'matinèe iċ-CECILIA. U fi tmiemha, kif kienet id-drawwa, il-Kumpanija tat-Teatru inġabret fuq il-palk u kantat l-Innu Nazzjonali Ingliż "God Save the King". Matul iż-żjara tiegħu Mons. Refice kien mistieden ukoll għall-pranzu mill-Konslu Ġenerali Taljan, Comm. Guglielmo Silenzi u s-Sinjura Silenzi u diversi rappreżentanti tal-kolonja Taljana, fosthom Prof. Rodolfo Rogoru, Segretarju tal-Casa del Fascio.



Mro. L.Refice waqt ir-riċeviment li sar fil-Każin ad unur tiegħu.

Bi tweġiba għad-diskors ta' ferħ li kien intqal, Mons. Refice fisser is-siwi morali u l-missjoni fost il-ġnus ta' l-arti mużikali. Saru f'ġieħu anke stediniet privati, fosthom waħda mill-Mro. Josie Mallia Pulvirenti fil-villa tiegħu fir-Rabat.

Mons. Refice miet Rio de Janeiro, il-Brażil, fil-11 ta' Settembru 1954, fil-għomor ta' 69 sena u 7 xhur.


Riferenzi

*Enciclopedia Italiana di Scienze, Lettere e Arti, 1935 Vol. XXVIII, p. 977; u Appendice III, M-Z, 1949-1960, p. 591.*

*La Gazzetta di Malta*

*L'Eco di Malta e Gozo - Diversi dati Frar 1935*

*Daily Malta Chronicle*

*Mid-Day Views*

*R. Mifsud Bonnici, Soċjetà Filarmonika Nazzjonali La Valette, 1959.*


---

## IR-RAKKONTI TA' HOFFMAN


*P. Norbert Ellul Vincenti O.F.M.*


Fil-bidu tas-sena, it-teatru taċ-ċentru tal-kreattività ta' San Ġakbu ra opra sħiħa mtellgħa minn għaqda ġdida ta' l-opri imsejħa "The Malta Opera Company". Responsabbli tagħha kienet Alice Horne.

Tajjeb li l-qarrejja ta' din ir-rivista jkunu jafu x'ġara hemmhekk. Kien esperiment. Għax il-post kien ġdid, il-kumpanija ġdida, l-artisti kollha Maltin (neħħi fejn ma setgħux jinstabu, imma l-protagonisti l-kbar kienu kollha Maltin). It-teatru ta' San Ġakbu huwa żgħir, tond (*in the round*) u l-ewwel darba li kien qed jintuża għall-opra.

L-idea kienet ta' waħda li ilha żmien tgħix Malta, tkanta u tgħallem il-kant, Alice Horne. Fejn issoltu, il-partijiet iż-żgħar biss jagħmluhom il-Maltin, f'din l-opra, il-Maltin kellhom jagħmlu l-kbar ukoll. Kellhom ftit għajnuna speċjalment minn ħabiba ta' Alice Horne, il- "Producer", li ġiet mill-Ingilterra biex tgħin lil Horne.

L-opra kienet waħda żgħira iżda taf tkun grandjuża wkoll: Tales of Hoffman ta' Offenbach, bl-Ingliż.

Nistqarr li ma tantx stennejt ħwejjeġ kbar, iżda kont sorpriż u ma ddejjaqt xejn.

L-opra kienet suċċess. Kollox fiċ-ċokon, u limitat, iżda suċċess. Il-vuċijiet kienu żgħar, forsi, għal teatru kbir, iżda għal hawn kienu eċċellenti, l-